Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2012

Numru. 934/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
**EUGENIO CREMONA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Eugenio Cremona ta' 54 sena, bin Giuseppe u Caterina nee' Bianco, mwieled Zejtun nhar l- 14 ta' Jannar 1958, residenti 57, Triq Anglu Gatt, Zejtun u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 140358M ;

Talli;

1) fl- 10 ta' Awwissu 2011 ghall- habta tal- 16.00hrs gewwa Sqaq il- Basal, limiti ta' Delimara, Marsaxlokk bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq Anthony Desira,

wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id- delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kkagunar feriti ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Anthony Desira kif iccertifika Dr. Martin Mallia mic- centru tas- sahha tal-Furjana;

3) talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura Land Rover bin- numru ta’ registrazzjoni KAN 196 b’ manjiera perikoluza u traskurata;

4) u aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil- pussess u/ jew taht il- kontroll tieghu arma irregolari, kif ukoll zamm u garr l- istess arma minghajr licenzja tal- Kummissarju tal- Pulizija;

5) ukoll talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l- persuna ta’ Anthony Desira sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il- persuna;

6) u talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Anthony Desira;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat il-verbal ta’ llum, fejn il-parti leza ddikjarat li kienet qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat, ghal dak kollu li hu rinunzjabbli fl-akkuzi;

Rat illi, in vista ta’ dan il-verbal, id-difiza ddikjarat l ma kellhiex provi;

Semghet it-trattazzjoni fuq il-mertu tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-parti leza, Anthony Desira, irinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, u din ir-rinunzja tolqot primarjament l-imputazzjonijiet numri 2, 5 u 6, u ghalhekk il-Qorti qed tiddikjara l-istess imputazzjonijiet bhala procediment ezawrit, u qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Kwantu ghall-imputazzjonijiet l-ohra, mill-esami tal-provi, dawn ma rrisultawx ippruvati. Jidher li l-incident kollu gie pprovokat mill-istess parti leza, meta dan tal-ahhar mar fuq l-imputat u qabad argument mieghu. L-aggressjoni bdiet mill-parti leza u mhux mill-imputat. Fit-tieni lok, ma giex ippruvat li l-imputat kellu intenzjoni jaghmel ferita gravi fuq Desira, izda kien biss qed jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-iehor.

L-istess jista’ jinghad fuq is-sewqan traskurat jew perikoluz, u fuq il-pussess ta’ arma. Ix-xiehda ta’ Desira ma giet ikkorroborata minn hadd u minn ebda oggett esebit, u in vista li llum il-partijiet ittransigew il-pendenzi kollha ta’ bejniethom, il-Qorti ma tistax tiehu x-xiehda tieghu biss ghall-finijiet tat-tielet u r-raba’ imputazzjoni. Sewqan traskurat jew perikoluz irid jirrizulta minn diversi cirkostanzi li jridu jigu ppruvati, izda ma kien hemm l-ebda element presenti fis-sewqan tal-imputat li seta’ wassal ghal sejbien ta’ htija fih. Kwantu ghall-arma indikata minn Desira, din ma nstabetx, u l-Qorti ghandha dubji serji kemm fil-fatt kellu arma l-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 41 (1,a), 64, 221 (2), 339(d), 339(e) tal- Kap 9, Artikolu 15 tal- Kap 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati tal- ewwel (1), it-tielet (3) u r- raba’ (4) akkuzi u ghaldaqstant tilliberah.
Tiddikjara it- tieni (2), il- hames (5) u s- sitt (6) akkuzi procediment ezawrit.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------